# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikolu 138, 144 u 252 tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**SYLVIA PISANI**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Awissu, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SYLVIA PISANI** ta’ hamsa w ghoxrin sena, bint Joseph u Coronata nee Mifsud, imwielda l-Istati Uniti tal-Amerika nhar t-tnax ta' Marzu, 1976 u toqghod Flat 3, Licga Flats, Triq Bordino, San Pawl l-Bahar jew 'New York', Triq Duru, Nadur Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 304492M, gie mressqa quddiemha akkuzata talli:

1. fit-tlieta w ghoxrin ta' April, 2001 u fid-dati precedenti, fl-isptar San Luqa, Pieta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala

impjegata jew ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet taghha, ghamel jew naqset li taghmel xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe tal-Gvern ta' Malta u ta' Maria Bonnici;

2. talli fl-istess cirkostanzi, iddistruggiet jew ma hallietx shah, process, registri, atti jew hwejjeg ohra, li kienu qeghdin fl-arkivji pubblici jew li kienu moghtija f'idejha bhala depozitarja jew ufficjal pubbliku minhabba l-kariga taghha; u

3. talli fl-istess cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd, u cioe ta' Maria Bonnici, wegghatha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Jannar, 2001 esibit fl-atti a fol sebgha w immarkat bhala dokument CSH 2.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Semghet lil imputata tammetti l-akkuzi kif addebitati lilha kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tas-sittax ta' Lulju, 2002 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda li tat l-imputata fis-seduta tas-sittax ta' Lulju, 2002 jirrizulta li l-imputata kienet ghaddejja minn perjodu ta' dipressjoni u problemi familjari.

L-imputata spjiegat li hija tifla unika u ftit qabel l-incident ommha kienet iddahhlet l-isptar tbati minn marda tant li spiccat operata u mizmuma l-isptar peress li kellha *lumpectomy right breast*. Illi l-kundizzjoni ta' sahhet ommha ma mmeljoratx anzi kif jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Mario Saliba nhar l-erbatax ta' Mejju, 2002, jirrizulta li s-sahha ta' ommha ddeterjorat tant li llum il-gurnata ghandha *tastisis* fil-pulmun u ghandha bzonn lil bintha biex tikkuraha bil-lejl peress li qed tbati minn qtugh ta'nifs.

Illi l-imputata dehret genwina fix-xhieda taghha li tat viva voce l-Qorti nhar s-sittax ta' Lulju, 2002 u l-Qorti m'ghandhix ghalfejn tiddubita l-kredibilita taghha. Jidher li l-imputata hija persuna sensittiva hafna, tbati minn *inferiority complex*. Hija hassitha dispjacuta meta nnotat li l-allegata habiba taghha ta' fuq ix-xoghol certa Maria Bonnici li tant kienet thobb tghin u tirrispetta, qalet xi kliem mhux xieraq fil-konfront taghha u fil-fatt kienet mugugha u hu appuntu ghalhekk flimkien mad-dipressjoni li ghandha li ghamlet dak li ghamlet u cioe li bidlet xi dettalji li dehru fuq il-computer dwar il-partikolaritajiet ta' Maria Bonnici. Hija ziedet xi kliem bhal "Forza Juventus" "Maria gorgeous" jew "stupid girl". Hija pero ma ghamlet l-ebda tibdil radikali f'xi file ta' pazjent jew xi dettalji personali ta' terzi.

It-tibdil u ziedet li ghamlet kienu ta' portata zghira u *de minimis* bhala kontenut.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputata skuzat ruhha fil-konfront ta' Maria Bonnici b'mod pubbliku u dan waqt x-xhieda taghha fuq il-pedana tax-xhieda kif kontemplat fl-artikolu 254 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputata kkoperat bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument tat-tehid tal-istqarrija esibita f'dawn l-atti a fol 13 markata bhala dokument JC, minn fejn jirrizulta li l-imputata ammettiet l-partecipazzjoni taghha f'dawn r-reati addebitati lilha.

Il-Qorti pero minn naha l-ohra, ma tistax ma taghtix kaz l-interess tas-socjeta u cioe x-xoghol u spejjes li kienu involuti ghad-detriment ta' fondi pubblici sabiex dan l-abbuz inqabad. Illi l-files gewwa l-isptar huma xi haga personali u ghalhekk minn jahdem fuqhom ghandu ikun responsabbli u mohhu hemmhekk.

Il-Qorti pero rat li dan l-incident partikolari sehh f'perjodu ikrah fil-hajja tal-imputata u ghalhekk ma thossx li ghandha tkun severa fl-applikazzjoni tal-piena sabiex b'hekk l-imputata tirrealizza l-izball li hi ghamlet u tkun tista tirritorna lura ghax-xoghol u thares 'l quddiem .

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 138, 144 u 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddecidi billi tikkundanna lil imputata SYLVIA PISANI ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet**

**ta' Malta din il-multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin maltin.**

**In oltre tordna ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-imputata SYLVIA PISANI titpogga taht ordni ta' probation tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tmintax il-xahar mill-lum.**

**Il-Qorti qed tinnomina lil Probation Officer Carmen Borg sabiex tghin lil imputata f'dan il-perjodu difficili ta' hajjitha u b'hekk terga tirrintegra ruhha fis-socjeta u tibni mill-gdid l-karattru taghha li fil-present huwa wiehed dghajjef hafna.**

**L-imputata probationer ghandha ssegwi l-kundizzjonijiet u l-ordnijiet kollha moghtija lilha mill-Probation Officer Carmen Borg li ghandha tirrelata dwar l-andament tal-imputata probationer kull sitt xhur lil din l-Qorti.**

**Il-Qorti rat wkoll l-artikolu 140 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ma thossx li ghandha tordna l-interdizzjoni tal-imputata u ghalhekk ma hiex ser tapplika tali disposizzjoni stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil istess Probation Officer Carmen Borg.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**